*Tagħrif miġbur minn Max Farrugia*

# Il-Fortizza Tad-Dejma, l-eqdem binja f'San Pawl il-Baħar

Fl-inħawi fejn hemm il-kappella ddedikata lill-Madonna tal- Karmnu fix-xaqliba l-oħra ta' Triq San Pawl, minn trejqa fuq il-xellug niġu viċin ħafna tal-eqdem binja li hemm fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar. Din hija binja medjovali li tmur lura għas-seklu ħmistax minn fejn dawk inqaġġati fil-forza militari magħrufa bħala Tad-Dejma kien jgħassu ix-xutt u l-bajjiet ta' dawn l-inħawi. Dawn il-mezzi ta' difiża ma kienux tant komuni qabel il-Miġja tal- Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta u fl-ewwel żmien tagħhom. Tant huwa hekk li l-pirati u furbani tal-baħar u anki il-forza Torka mhux darba u tnejn attakkaw pajjiżna u minbarra li kaxkru magħhom kull ma sabu jogħod għalihom ħadu anki Maltin bħal ilsiera. La qed nitkellmu dwar it-tramuntana ta' Malta biżżejjed wieħed isemmi li fl-1551 il-Gzira ta' Ghawdex sofrit attack kbir, tant li saret ħerba minn din il-gzira u ħafna nies ittieħdu ilsiera. Barra hekk' fatt ieħor interessanti ħaditu l-knisja f'Malta. Fl-1436 l-Isqof Senatore De Mello kien waqqaf uffiċċjalment għaxar parroċċi. Tnejn minn dawn, dik ta' Ħal Tartani, illum Ħad-Dingli, u tal-Mellieħa li San Pawl u l-madwar kienu jagħmlu parti minnu, kienu ġew sospiżi temporanjament minħabba li r-residenti abbandunaw l-għelieqi u d-djar tagħhhom minħabba l-attakki ta' spiss, u niżlu aktar l-isfel għas-sigurta tagħhom personali. Dawn

*ikompli f'paġna 107*





l-inħawi sakemm reġgħat ġiet imwaqqfa l-Parroċċa tal- Mellieħ,a mill-ġdid kienu jagħmlu mal- Parroċċa tan-Naxxar, minn fejn aktar il-quddiem ħarġet il- parroċċa ta' San Pawl il- Baħar.

Il-forza militari tad-Dejma kienet tiġbor fiha irġiel ta' bejn it-tmintax u is-sittin sena li kienu b'saħħithom u jistgħu jagħtu servizz lill-pajjiż. Din il-forza kienet obbligatorja. Din il-forza kienet maqsuma f'diversi gruppi ta> individwi. B'kollox fil-bidu tas-seklu ħmistax meta twaqqfet id-dejma kien hawn erbgħa u għoxrin grupp. Meta ikun hemm twissija ta> xi attakk din il- forza kienu jinġabru viċin salib li kien hemm f'diversi irħula jew qrib il- knisja u minn hemm imorru għal assalt. Ma twaqqif ta' binjiet militari f'diversi lokalitajiet ta' Malta mod speċjali viċin tal-bajjiet u x-xtutt, l-attakki mill-pirati naqsu drastikament .

F'San Pawl il- Baħar ftit il- bogħod minn fejn aktar il-quddiem inbena it-torri ta' Wignacourt kien hemm mezz ta' difiza militari permanenti tad-Dejma, Din tinsab fi trejqa li tagħti minn Triq San Pawl vicin il-Kappella ddedikata lil Madonna tal- Karmnu fuq ix-xaqliba l-oħra tat-triq. Sa ftit tas-snin ilu din ix-xaqliba lienet kollha blat. Din l-akwata kollha li kienet testendi sa fejn illum il-ġurnata hemm parti mill-bypass, kienet magħrufa bħal zona military magħrufa bħala ix-Xagħra tal-Bandieri. Indikazzjoni ċara li din kienet tintuza mill- militar jew inkella kien fuq xi binjiet oħra militari. Nafu li fil-viċinanza kien hemm xi kmamar u għerien ta' żmien l-Ordni fejn hemm il-blokki tal-appartamenti wara l-fortizza tad-Dejma. Din il- binja militari tal-medjoevu tinsab fuq irdum li huwa madwar tlett sulari għoli mill-livel tal- baħar. Minn fuq l-art hija esposta sewwa imma minn naħa tal-baħar ftit li xejn kien jidher. Din il-fortizza li llum il- ġurnata ħafna isibuha bħala Ta' Tabibu, l-laqam ta' bidwi li kien jagħmel uzu minnha u kompla kabbara u żied magħha anki razzett hija

*ikompli f'paġna 109*




l-eqdem binha li nsibu ġo San Pawl il-Baħar u l-aktar fdal militari fil-gzejjer Maltin. Binjiet simili bħal dawn kien hemm diversi oħra max-xtut Maltin. Sfortunatament din il-binja illum il-ġurnata tinsab fi stat tal- biki minkejja li hija skedata bħala post storiku u jekk ma tingħatax l-attenzjoni meħtieġa nistgħu nitilfuha fis-snin li ġejjin minħabba il-ħsarat kbar li fiha u l-istat ta' abbandun li waqgħat fih. It-tibdil fl'istruttura madwar din il-fortizza kien sar madwar mitt sena ilu.

Din il-mezz tad-difiza baqa' jintuża sa parti mis-seklu sbatax meta ħa post it-torri ta' Wignacourt li jinsab mhux ħafna il-bogħod fil-lvant ta' din il-binja. Minkejja li għadda dan iż-żmien kollu minn fuqha, kien propju matul attakk fit-tieni gwerra li sofriet xi ħsarat. Numru ta' bombi kienu waqgħu f'dawn l-inħawi u parti mit-torri tal- għassa tagħha iġġarraf. Ħafna huma tal- fehma li din il-binja ma għadix tezisti minħabba li llum il-ġurnata tinsab imdawwra bi blokk ta' appartamenti.

Imma hekk huwa l-kaz. Il-problema hija l-istat li tinsab fiha li jekk ma jkunx hemm attenzjoni immedjata, iva, tista' tintilef darba għal dejjem l-aktar binja storika u antika f'din il- lokalita.

Bħal binjiet oħra tas-seklu erbatax bħala struttura mhux xi ħaġa ta' barra minn hawn, imma meta wieħed iqis li din il-mezz ta' difiża hija l-aktar binja antika ġo San Pawl il-Baħar u unika fil-pajjiż għanda tiġi kkonservata.

It-torri tal-osservazzjoni kull ma huwa kamra waħda f'kull sular. Biex wieħed jitla' minn kamra għall-oħra kien juża sellum tal-injam. Il-bieb prinċipali kien u għadu jinsab fl-ewwel sular u wieħed jasal għalih permess ta' turgien li hemm imħaffra fil- blat. Minn dan it-torri l-għassiesa kienu jistgħu jaraw u jikkontrollaw dak li qed jiġri f'diversi daħliet fosthom tal- Pwales, il-Mistra u Selmun, sal-ponta tal-Qawra.

*ikompli f'paġna 111*



Matul l-aħħar gwerra, din il-fortizza tad-Dejma kienet sfat ibbumbardjata mill-għadu u partijiet minnha sfaw meqruda. L-aktar li sofra ħsara kien it-torri tal-osservazzjoni, li l-parti ta' fuq tiegħu sfat meqreda kollha. Is-sular ta' isfel għalkemm illum il-ġurnata għandu ħafna ħsara, u jinsab fi stat t' abbandun għadu f'kundizzjoni mhux daqshekk ħażina meta imqabbel ma' partijiet oħra tiegħu. L-art tiegħu hija miksija biċ-ċangatura tal-ġgebel oriġinali u t-travi huma tal-injam. L-uniku dawl li kien jidħol f'din il-binja oriġinal hija tieqa f'għoli li tħares għal fuq il- bajja minn fejn titla' ix-xemx. Meta saru xi tibdiliet ma' din il binja żdiedu żewġ twieqi oħra. Is-sular ta' fuq ta' din il-fortizza antika kull ma hija kamra kbira. Il- ħitan tagħha huma maħduma ħoxnin ħafna bħal ma kienu jibnu dak iż-żmien. F'dan is-sular wieħed jista' jara tieqa twila mhux ħażin imma dejqa. Din ukoll tħares lejn il-baħar. F'dan il-ħajt insibu bħal twieqi żgħar ħafna li l-iskop tagħhom kien li jistgħu jisparaw minnhom.
Illum il-ġurnta din il-binja mhux qed tintuża minħabba il-ħsarat li fiha. Mal-ħitan insibu kitba li ġibdet l-attenzjoni tal-periklu li hemm. L-aċċess għal din il-fortizza huwa wieħed ristrett ħafna permess li tinsab f'idejn il-privat, imma biex wieħed ikun jista' jara dak li fadal minn din il-fortizza medjovali jista' jinżel lejn in-naħa tal- baħar.

Għalkemm din hija f'din il-privat żgur li l-awtoritajiet jistgħu jagħmlu minn kollox sabiex din il- binja storika u unika ġewwa San Pawl il- Baħar ma tintilifx. L-Kunsill Lokali jista jagħmel pressjoni ma' istituzzjonijiet nazzjonali sabiex tiġi restawrata għallinqas il-fortizza medjovali, għalkemm anki ir-razzett li huwa antik ħafna, jista' jiġi rranġat.